Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2007

Numru. 641/2007

Il- Pulizija
(Spettur Jesmond J. Borg)

-vs-

Christopher Drago

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Christopher Drago, bin Joseph u Antoinette nee' Galea, mwieled Msida nhar it- 30 ta' Awissu 1967 u li joqghod 'Casa Drago', Triq Dun Mikiel Xerri, Attard u detentur tal- karta ta' l- identita bin- numru 411867M.

Akkuzat:

a) talli nhar il- 31 ta' Lulju 2007, ghall habta tad- 9.10am gewwa Triq Sciortino, Zebbug, bi vjolenza jew b' theddid, gieghel ufficjali pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x' taqsam mal- kariga taghhom;
b) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il- persuni ta' l- Ispettur Jesmond J. Borg, PC923 Pier Guido Saliba u WPC 258 Bernie Valletta bhala persuni nkarigati skond il- ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is- servizz, jew bil- hsieb li jbezzawhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l- ligi fl- ezekuzzjoni ta' dak is- servizz;
c) Aktar talli bi vjolenza jew theddid, gieghel ufficjal pubbliku jaghmel jew ma jaghmilx xi haga li ghandha x' taqsam mal- kariga taghhom;
d) Aktar talli ostakola Triq Sciortino, Zebbug b' vettura ta' l- ghamla Toyota bin- nurmu tar- registrazzjoni FAJ 339;
e) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel lil haddiehor ingurji jew theddid;
f) Aktar talli kiser il- bon ordni u l- paci pubblika b' ghajjat u glied.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-prosekuzzjoni rtitat l-ewwel imputazzjoni.

Rat l-artikoli 95, 96, 338(dd) u 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ir-Regolament 77 ta'l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994 u l-artikolu 55 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu anke wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta' ammissjoni u taghtu zmien biex jahsibha.

Rat il-verbal ta' l-udjenza mizmuma fil-31 ta' Lulju 2007 fejn l-ufficjal prosekutur iddikjara li minn ricerki li ghamel jirrizulta li l-fedina penali ta' l-imputat hija netta.

Semghat it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u d-difiza dwar il-piena.

Ikkunsidrat,

Illi f'l-udjenza mizmuma minn din l-Qorti bhala Qorti Struttorja fil-31 ta' Lulju 2007, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u konsegwentement l-imputazzjonijiet huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-fedina penali ta' l-imputat hija netta, li huwa ikkoopera mal-Pulizija u li huwa skuza ruhu ta' l-akkadut ma'l-ufficjali koncernati. Hadet ukoll in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta' l-imputat f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, kif ukoll in-natura tar-reati ammessi mill-imputat.

Ghal dawn il-motivi, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel imputazzjoni stante li din giet irtirata mill-prosekuzzjoni, u wara li rat l-artikoli 95, 96, 338(dd) u 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ir-Regolament 77 ta'l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994 u l-artikolu 55 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tat-tieni, it-tielet, il-hames u s-sitt imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma' jaghmilx reat iehor fi zmien sena mill-llum, u fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati wkoll tar-raba imputazzjoni u tikkundannah ghal multa ta' hamsa u erbghin lira Maltija (Lm45).

Il-Qorti spejgat lill-imputat bil-konsgwenzi skond il-Ligi jekk jaghmel reat iehor matul dan il-perjodu ta' sena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------